**29 ta' Ottubru, 1986**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Eleno *sive* Lino Zammit

*versus*

Carmela Ebejer u Nina Cachia

**Appell minn Deċiżjoni tal-Bord tal-Kera – Punt ta' Dritt – *Fair Rent***

*Fejn it-talba quddiem il-Bord tal-Kera tkun għall-fissazzjoni tal-fair rent, appell jista' jsir biss fuq punt ta' dritt li jkun ġie deċiż mill-Bord.*

Il-Qorti: -

Rat ir-rikors ipprezentat quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera illi permezz tiegħu r-rikorrent fuq imsemmi talab illi jiġi stabbilit il-*"fair rent"* tal-fond numru 37, Borg Street, Fleur-de-Lys Road, Birkirkara, illi huwa jikri għall-abitazzjoni bil-kera ta' ħamsa u erbgħin lira (Lm45) fis-sena, u dana peress illi huwa jidhirlu illi dan il-kera huwa esaġerat ħafna;

Rat ir-risposta ta' l-intimata pprezentata fis-17 ta' Mejju, 1979, u n-nota ta' l-intimata Carmela Ebejer ipprezentata fil-5 ta' Mejju, 1983, illi permezz tagħha l-istess Carmela Ebejer

għamlet sottomissjonijiet ulterjuri;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni ta' l-imsemmi Bord tad-29 ta' Mejju, 1984, li biha stabbilixxa l-kera tal-fond in kwistjoni għal Lm21.50,0, fis-sena b'effett mill-bidu tal-kirja favur ir-rikorrenti, jitħallas bis-sitt xhur (6) bil-quddiem, riparazzjonijiet interni ordinarji għall-inkwilin u ordna li l-ispejjeż jiġu ssopportati kollha mill-intimati;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata billi "l-appellat ma kienx il-persuna kkwalifikata biex tadixxi l-Bord tal-Kera, għax daħal u ħareġ fil-fond mingħajr ftehim mas-sidien u li ħallas lill-appellanti seta' biss jissejjaħ kumpens għax daħal mingħajr il-kunsens espress tagħha u *ad insaputa* tas-sidietn l-oħra – ma hemmx elementi ta' kuntratt tal-kera – id-deċiżjoni tal-Bord tal-Kera għandha tiġi annullata u reża mingħajr effett, għar-raġunijiet prodotti – bl-ispejjeż u bis-subizzjoni ta' l-intimat";

Rat ir-risposta ta' l-appell tar-rikorrent li biha ssottometta li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi fit-termini tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-

artikolu 25 ta' l-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 109) f'każijiet bħal dan in diżamina ċjoè fejn it-talba kienet għall-fissazzjoni tal-*"fair rent"* jista' jsir appell mid-deċiżjoni tal-Bord unikament fuq punt ta' dritt li jkun ġie deċiż mill-Bord;

Illi hu ovvju illi fid-deċiżjoni appellata l-Bord ma ddeċieda ebda punt ta' liġi anzi jekk tirriżulta xi ħaġa hi li kull eċċezzjoni ta' natura legali li l-istess appellanti kienu pprospettaw irtirawha b'mod li ma ħallew lill-Bord ebda punt ta' liġi x'jiġi deċiż;

F'dawn iċ-ċirkostanzi mid-deċiżjoni tal-Bord ma kienx hemm dritt ta' appell;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiddikjarah irritu u null u għalhekk ma tieħux aktar konjizzjoni tiegħu. L-ispejjeż ta' din l-istanza jkunu a kariku ta' l-appellanti.